

Kulħadd kien jafha bħala Madame.

Fil-verità, kien jisimha hekk: Madame Ortensja Paskwalina de Rohan. U ġara li wara ħafna snin, wara li telgħu u niżlu ħafna xmux u qmura, intesa dan l-isem stramb u twil. Minnu baqa' biss Madame.







Madame kellha neputija l-għaxqa tagħha u spiss magħha. Kien jisimha Berta. Imma għal Madame, Pissiperla. Għax kienet tawwalija, irqiqa stikka, titgħawweġ, tiġġebbed kif trid, issir għoqda bħal qattus …



… kienet tagħmel il-kutrumbajsi bil-quddiem u b'lura, rasha 'l isfel, saqajha 'l fuq, ħelwa, grazzjuża u gustuża, ħlief meta f'daqqa, issir fitta daqs nemusa.

